MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2006

Numru. 6/2005

**Il-Pulizija**

**Spettur Antonello Grech**
**V**

**PAUL MUSCAT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PAUL MUSCAT** ta' tmienja w erbghin sena bin Emanuel u Pietra nee Azzopardi, imwieled n-Nadur nhar s-sbatax ta' April 1956, u residenti 'Caveman's House', Triq l-Ramla, Nadur, Ghawdex, detentur ta' karta tal-identita numru 29056G, gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fit-tmintax ta' Frar 2005, ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar, f'Ghawdex, insulenta, hedded u/jew fizikament aggredixxa lil PS 1424 Mario Sciberras,

lil WPS 160 Josephine Camilleri u lil PC 639 Joe Bugeja ufficjali tal-Korp tal-Pulizija u kwindi persuni nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku, u dan bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. Talli fl-istess data, hin, u lok ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 639 Joe Bugeja ufficjal pubbliku waqt li kien qed jaghmel d-dmirijiet tieghu jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fid-dmirijiet tieghu tal-kariga tieghu;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS 1424 Mario Sciberras, WPS 160 Josephine Camilleri u PC 639 Joe Bugeja, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi mill-Awtorita kompetenti;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, m'obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija;

6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi dagha u qal kliem oxxen fil-pubbliku;

7. Talli kkommetta reat waqt l-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu nhar l-hamsa ta' Mejju 2004 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex);

8. Talli sar recidiv b'sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 u 384 tal-Kodici Kriminali.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom, l-artikoli mibghutha mill-Avukat Generali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' April 2005 [fol 33] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti

tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta’ gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-tnax ta’ Jannar 2006 [fol 50].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat odjern nhar l-hamsa ta’ Mejju 2004 mill-Magistrat Dottor Tonio Micallef Trigona [dokument CSH 2 a fol 26].

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tlieta ta’ Marzu 2005 **xehed l-Ispettur Antonello Grech** [fol 16] fejn qal li fit-tmintax ta’ Frar 2005, ghal habta tas-saghtejn u kwart ta’ wara nofsinhar, gie nfurmat li kien hemm glieda r-Ramla u kien hemm tlett Pulizija qed jitolbu l-assistenza. Qal li hu ta struzzjonijiet sabiex jinzlu diversi karozzi tal-Pulizija ohra u sakemm mar hu fuq il-post gie nfurmat li l-Pulizija kienu sejrin lura l-Ghassa b’xi nies maghhom w ghalhekk mar l-Ghassa tar-Rabat fejn sab lil WPS 160 Josephine Camilleri u lil PS 1424 Mario Sciberras flimkien ma Josef Muscat, Mark Cutajar u l-imputat li gharaf presenti fl-awla.

Qal li l-Pulizija infurmawh li kien hemm argument r-Ramla bejn Mario Cutajar, Josef Muscat u xi terzi persuni u x’hin kien hemm l-Pulizija fuq il-post, indahal wkoll l-imputat Paul Muscat li habat ghalihom f’liema glieda wegga’ PC 639 Joe Bugeja li kellu dmija fu q n-naha tax-xellug ta’ hugbejh. PC 639 Joe Bugeja ikkonferma mieghu li l-imputat kien hebb ghalih billi qabad gebla minn mal-art u xejjirha f’wiccu bir-rizultat li laqtu.

Qal li hu ordna li l-imputat jigi arrestat u l-ghada, hadlu stqarrija li esibixxa bhala dokument CSH [fol 18]. Fuq din l-istqarrija x-xhud gharaf il-firma tieghu, dik ta’ PC 1406 Joseph parnis kif wkoll qal li l-imputat kien ghazel li ma

jiffirmahiex. Zied jghid li fl-imsemmija stqarrija, l-imputat kien ammetta li kien prorpju fuq il-post r-Ramla, qal li kien irrabbjat mal-Pulizija pero fl-ebda hin m'ammetta li kien laqat lil istess Pulizija. Ix-xhud esibixxa wkoll bhala dokument CSH 1, certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor Brian Gatt, datat tmintax ta' Frar 2005 fil-konfront ta' PC 639 Joe Bugeja.

Illi nhar t-tlieta ta' Marzu 2005 **xehed PS 1424 Mario Sciberras** [fol 20] fejn qal li fit-tmintax ta' Frar 2005, ghal habta tas-saghtejn u kwart ta' wara nofsinhar, kien gie akkumpanjat minn WPS 160 Josephine Camilleri u lil PC 1506 Louis Calleja u dan wara li kien gie rappurtat lilhom minn Rose Buttigieg li fil-bajja tar-Ramla l-Hamra, n-Nadur kien hemm hutha li kienu qed jiggieldu. Qal li huma nizlu fuq il-post fejn sabu lil Josef Muscat u lil certu Mario Cutajar li bdew jargumentaw, kienu qed jiggieldu ma xi nies mlaqqma Ta' Mannor. Qal li waqt li huma kienu qed jaraw x'kien l-kaz bejn Josef Muscat, Mario Cutajar u l-parti l-ohra, kien hemm l-imputat, li gharaf presenti fl-awla, li kien bil-qeghda fuq qasrija, qam bil-wieqfa, tela' fuq kaxxa tat-truck, beda jhedded lil WPS 160 Josephine Camilleri, lil PC 1506 Louis Calleja, u lil PC 639 Joe Bugeja u jghid "Insibek, inqattghek". Qal li kien hemm wkoll hafna dagha u kliem oxxen iehor. Zied jghid li l-imputat beda jghaqqad il-ponn fid-direzzjoni taghhom, qabad bicca hadida ta' aerial li kien hemm fil-kaxxa tat-truck, beda jxejjirha fid-direzzjoni taghhom, qabez minn fejn kien, nizel minn fuq it-truck, beda jigbor xi gebel li kien hemm fl-art, resaq ma genb PC 639 Joe Bugeja tah daqqa to wiccu b'idu l-leminija u laqtu fuq x-xellug u PC 639 Joe Bugeja spicca bid-demm ma wiccu.

Qal li sussegwentement, l-imputat telaq jigri, qabad xi gebel minn fuq hajt tas-sejjieh u rega' beda jheddihom bih. Qal li mbaghad mar Josef Muscat u zamm lil imputat. Qal li sakemm kienu hemm, anke WPS 160 Josephine Camilleri laqqtet daqqa f'sidirha minghand l-imputat. Qal li dak l-hin l-imputat gie arrestat. Qal li sakemm kien qed jarresta lil imputat dan beda jirrezistih u kellu juza l-forza biex idahhal lil imputat fil-vettura taghhom u l-imputat baqa jghaqqad il-ponn u jiftah halqu qisu biex jigdmu u

jghidlu “Inti taf ma min qieghed hawnhekk? Jien kont sprajjajt fuq bniedem.” Qal li anke sakemm damu fil-vettura tal-pulizija, l-imputat baqa jghaqqad il-ponn.

Illi nhar t-tlieta ta’ Marzu 2005 **xehdet WPS 160 Josephine Camilleri** [fol 22] fejn qalet li fit-tmintax ta’ Frar 2005, ghal habta tas-saghtejn u kwart ta’ wara nofsinhar, kellhom rapport minn certa Rose Buttigieg li fil-bajja tar-Ramla l-Hamra, n-Nadur kien hemm hutha li kienu qed jiggieldu. Qalet li ghalhekk hi, PS 1424 Mario Sciberras u PC 1506 Louis Calleja nizlu l-bajja tar-Ramla l-Hamra. Qalet li wara li waslu fuq il-post gie PC 639 Joe Bugeja. Qalet li l-bajja, kif waslu vicin xi xtieli fejn jibda t-tarag, nnutat li Paul Muscat, l-imputat li gharfet presenti fl-awla, kien bil-qegheda hdejn ix-xtieli pero baqghet niezla fejn kien hemm l-glied.

Maghha dak l-hin kien hemm PC 1506 Louis Calleja u PS 1424 Mario Sciberras w iddecidew li jarrestaw lil tnejn minn nies involuti fil-glieda u cioe l-imputat u certu Cutajar, peress li ma kienux qed jobdu l-ordni taghhom. Qalet li sakemm kienu qed jipperswadu lil dawn t-tnejn biex jidhlu fil-karozza, gew aktar Pulizija tal-Mobile. Qalet li f’hin minnhom, l-imputat qam minn fejn kien, qabez ghal go kaxxa ta’ pick up li kien hemm pparkjat li kien ta’ certu Josef Muscat, qabad hadida ta’ aerial u beda jxejjirha u jhedded lil PC 639 Joe Bugeja. Qalet li wara mar gabar xi gebel mill-art waqt li kien jhedded lil PC 639 Joe Bugeja, avvicinah, xejjer idu fid-direzzjoni tieghu u laqtu fuq haddejh n-naha tax-xellug. Qalet li minn hemmhekk, mar jigri fejn hajt tas-sejjieh biddel il-gebel ma gebla ohra u pprova jixhitha. Ix-xhud kompliet tghid li hi gibdet l-attenzjoni tal-imputat ghal gebel li kellu f’idu u l-imputat rrispondiha jheddidha ‘Insibek”. Qalet li dak l-hin Josef Muscat mar vicin l-imputat biex jipprova jikkalmah, zammu u pperswadih jarmi l-gebla li kellu f’idu. Qalet li kif appena rema’ l-gebla minn idejh, mar vicin taghha hu wkoll biex tipprova tikkalmah u dak l-hin PC 639 Joe Bugeja beda jistaqsi lil imputat “Imma jien x‘ghamiltlek?”. Qalet li sa dak l-hin PC 639 Joe Bugeja kien qed izomm lil Josef Muscat u l-imputat beda jhebb ghalih billi jressaq wiccu ma wicc l-Pulizija w ghamel mossa li kien qisu ser jigdmu.

Qalet li f'dak il-mument, l-imputat irnexxielu johrog idu u hi laqqtet daqqa f'sidirha.

Qalet li hi baghtet lil PC 639 Joe Bugeja lil hinn ghaliex l-imputat kien donnu beda jirvella kif jarah, u gie arrestat. Qalet li meta kienu l-Ghassa titkellem mal-imputat staqsitu ghaliex kellu daqshekk ghal PC 639 Joe Bugeja u l-imputat wiegibha billi qalilha li peress li kien mbotta lil kuginuh Josef, u haseb li kien se jwegghu.

Illi nhar t-tlieta ta' Marzu 2005 **xehed PC 639 Joe Bugeja** [fol 24] fejn qal li fit-tmintax ta' Frar 2005, kien gie nfurmat sabiex jinzel fil-bajja tar-Ramla l-Hamra, n-Nadur, peress li kien hemm glieda w ghalhekk nizel wahdu b'karozza u wara marru fuq il-post WPS 160 Josephine Camilleri u PS 1424 Mario Sciberras. Qal li hu wasal ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar. Qal li kif nizlu r-Ramla l-Hamra, sab lil WPS 160 Josephine Camilleri u PS 1424 Mario Sciberras jitkellmu ma Josef Muscat u Mark Cutajar. Qal li nnota wkoll lil imputat, li gharaf presenti fl-awla, bil-qeghda fuq qasrija.

Qal li kif waslu l-imputat beda jghamlilhom sinjal sabiex jidhlu aktar vicin pero huma ma setghux ghaliex mal-art kien hemm aerial u beda jghidlu biex jieqaf peress li kien mohhu fis-Surgenti l-ohra. Qal li hu kien nizel hemmhekk biex jeskorta lil Josef Muscat l-Ghassa tar-Rabat. Zied jghid li dak l-hin, l-imputat beda jigri fuq t-truck jidghi u jghid "bil-mod, bil-mod, bil-mod" u wara li ghamlu xi erbghin minuta jissieltu, hu u PC 1506 Louis Calleja jghidu bil-kelma t-tajba lil Josef Muscat u lil Mario Cutajar sabiex imorru l-Ghassa, qabdu lil Josef Muscat minn idejh biex johduh fil-karozza. Dak il-hin kompla jghid x-xhud, mar l-imputat jigri fuqhom, l-izjed fid-direzzjoni tieghu, tbaxxa u qabad zewg gebliet u beda jxejjer idu u laqtu fuq in-naha tax-xellug ta' hugbejh.

Zied jghid li wara l-imputat harab, mar hdejn hajt u rema' l-gebla z-zghira li kellu f'idu u qabad wahda akbar u beda jghamel mossa qisu ser jitfa l-istess gebla u jghid "Ghalik ghandi, insiebek w inqattghek." Ix-xhud kompla jghid li hu beda riesaq lejn l-imputat u dan ipprova jigdmu, itir ghal

xofftejh pero hu beda jersaq kull darba lura. Zied jghid li dak l-hin intervjena Josef Muscat biex jipprova jikkalma lil imputat u dak l-hin sema’ lil WPS 160 Josephine Camilleri tghid il imputat darbtejn “Imissek tisthi taghtini daqqa fuq sidri, taf minn x’hiex ghaddejt.” Qal li hu ra lil PS 1424 Mario Sciberras jghid lil imputat biex jidhol fil-karozza u dan b’ebda mod ma ried u beda jghaqqad il-ponn sakemm dahhluh fil-karozza.

Illi nhar l-erbatax ta’ Lulju 2005 **xehed l-Ispettur Maurice Curmi** [fol 38] fejn gharaf lil imputat pressenti fl-awla bhala l-istess imputat imsemmi fis-sentenza moghtija nhar il-hamsa ta’ Mejju 2004 mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex u esibixxa kopja ta’ din is-sentenza li giet mmarkata bhala dokument ST [fol 39]. qal li f’dik is-sentenza hu kien l-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur.

Illi nhar l-erbatax ta’ Lulju 2005 **xehed PC 1406 Joseph Parnis** [fol 43] fejn wara li gie muri l-istqarrija esibita fl-atti markata bhala dokument CSH [fol 18] rilaxxjata nhar d-dsatax ta’ Frar 2005 minn Paul Muscat, qal li l-persuna msemmija fl-istqarrija huwa l-istess imputat odjern. Qal li qabel ma ttiehdet din l-istqarrija, l-imputat gie moghti s-solita twissija mill-Ispettur.

Illi nhar l-erbatax ta’ Lulju 2005 **xehed PC 1506 Louis Calleja** [fol 44] fejn qal li fit-tmintax ta’ Frar 2005, ghal habta tas-saghtejn ta’ wara nofsinhar kellhom rapport li kien hemm glieda fir-Ramla l-Hamra w ghalhekk nizel fil-bajja tar-Ramla l-Hamra, n-Nadur, ma WPS 160 Josephine Camilleri u PS 1424 Mario Sciberras. Qal li hemmhekk sabu tlett zaghzagh me gemb vann u l-imputat odjern li gharaf presenti fl-awla li kien bil-qeghda fuq cint fit-tarf. Qal li s-Surgent staqsa lil dawn t-tnejn li kienu mal-vann x’kien gara u dawn bdew jillitikaw ma Rose Buttigieg u hutha li kienu fuq il-post. Qal li huma ppruvaw jikklamaw is-sitwazzjoni u talbu l-ghajnuna ta’ aktar Pulizija. Qal li wara PS 639 Joe Bugeja wasal fuq il-post u mar l-imputat li gharaf presenti fl-awla, dahal fil-kaxxa tal-vann, qabad bicca aerial qadim u beda jxejjer bih u jippunta subajh lejn PC 639 Joe Bugeja. Qal li wara l-imputat qabel mill-vann, qabad zewg gebliet zghar u telaq

jigri ghal fuq PC 639 Joe Bugeja u beda jaghmel il-gebel ma wiccu u ra d-demm itir minn wicc l-Pulizija. Qal li huma hadu l-gebel minn idejn l-imputat u sadanitant l-imputat lahaq harab u mar hdejn hajt u gabar zewg gebliet ohra.

Qal li l-imputat beda jirrezisti l-arrest hafna drabi waqt li beda jidghi u jghid kliem oxxen. Qal li fil-glieda kienu nvoluti Rose Buttigieg u l-familja taghha u Rose kienet qed tiggieled ma dawk iz-zewg guvintur li kienu ma gemb il-vann. Qal li l-imputat ma kienx involut f’dik il-glieda, kien bil-qeghda fuq cint. Qal li hu ma gabrux lil imputat dak l-hin ghaliex ma dehrlux li kienu cirkostanzi idoni u kien difficli li huma jtellghu tlieta minn nies l-Ghassa.

Illi nhar l-erbatax ta’ Lulju 2005 **xehed Doctor Brian Gatt** [fol 46] fejn qal li fit-tmintax ta’ Frar 2005 hu kien xoghol l-Poliklinika tar-Rabat, Ghawdex fejn ezamina lil PC 639 Joseph Bugeja li kellu griehi f’wiccu u kien qallu li kien allegatament involut fi glieda. Qal li wara li ezaminah sab li kellu brix fuq ix-xellug ta’ wiccu f’widintu x-xellugija. Il-brix kien f’direzzjoni orizontali u l-area nvoluta tal-wicc kienet pulzier twil u pulzier orizontali. Qal li dan gie mdewwi w il-griehi mnaddfa pero ma kellux bzonn punti ghaliex l-griehi kienu superficjali jigifieri ma kienux gravi salv kumplikazzjonijiet. Qal li rrizultalu li l-griehi ma gewx kagjonati bi strument bil-ponta.
Illi nhar l-erbatax ta’ Lulju 2005 **xehed Mark Cutajar** [fol 47] fejn informa lil Qorti li hu ghandu proceduri pendenti fil-konfront tieghu u ma xtaqx jixhed f’dak l-istadju.

Illi nhar t-tnax ta’ Jannar 2006 **xehdet Rose Buttigieg** [fol 51] fejn mistoqsija tispjega l-incident li rat, ix-xhud wiegbet li hi ma rat ebda incident. Qalet li lil Pawlu Muscat ratu biss bil-qeghda fuq hajt. Qalet li hi kienet fuq n-naha ta’ quddiem tal-gabbana u l-imputat kien fuq n-naha ta’ wara. Qalet li hi kienet cemplet lil Pulizija dakinhar peress li huha kien qalilha li kien hemm xi glieda u fil-fatt nizel fuq il-post wara l-incident.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat kellu incident ma diversi Ufficjali tal-Pulizija nhar t-tmintax ta' Frar 2005 ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar fil-Ramla l-Hamra u dan wara li l-istess Ufficjali tal-Pulizija kienu gew imsejjha fuq il-post sabiex taghti assistenza peress li kien hemm xi glieda ghaddejja bejn xi familjari.
L-imputat ghazel li ma jixhidtx f'dawn il-procdeuri w ghalhekk l-unika versjoni tal-fatti kif spejgat minnu hija dik moghtija fl-istqarrija rilaxxjata nhar d-dsatax ta'Frar 2005.

L-imputat jghid li huwa mar jintervjeni meta ra Pulizija jittratta hazin lil certu Josef w ghalhekk hass li kellu jibda jghajjat sabiex jieqaf. Ammetta li kellu pakkett tas-sigaretti f'idejh u li ghafsu billi ghaqqad il-ponn f'wicc dan l-istess Ufficjal. Mistoqsi jekk rax lil Pulizija b'xi demm, l-imputat qal li rah bid-demm u jaf li dan gara meta l-istess Pulizija carrat wiccu b'hadida tal-aluminium.

Huwa jichad li f'xi hin qabad xi gebel f'idejh pero ammetta li hedded lil dan l-Ufficjal tal-Pulizija.

L-Ufficjal tal-Pulizija u cioe PC 639 Joe Bugeja, WPS 160 Josephine Camilleri u PS 1424 Mario Xiberras, ilkoll jaghtu l-istess verzjoni tal-fatti u cioe li l-imputat qabad u hebb ghal PC 639 Joe Bugeja, li waddab il-gebel fid-direzzjoni tieghu, li laqat lil PC 639 Joe Bugeja f'wiccu u kkagunalu feriti ta' natura hafifa, kif deskritta minn Doctor Brian Gatt, li beda jidghi u jitkellem hazin, li ma obdiex l-ordni legittima taghhom, li rrezista l-arrest u li beda jghajjat u jikser il-paci pubblika u li ta daqqa lil WPS 160 Josephine Camilleri.

Illi l-Qorti m'ghandiex ghalfejn ma temminx x-xhieda tal-Prosekuzzjoni rigward dak li qalu fil-konfront tal-imputat molto piu meta tqis li x-xhieda taghhom ma giet michuda minn hadd.

Il-Qorti tikkundanna bl-aktar mod sever lil min juza xi vjolenza fuq Ufficjal tal-Korp tal-Pulizija li jkun qed jaqdi d-doveri tieghu billi jaghti servizz pubbliku.

Il-Qorti ma tistax tittollera agir bhal dan f'socjeta demokratika u tittratta mal-imputat daqs li kieku ma ghamel xejn.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat li minn ezami tal-istess, jirrizulta li l-imputat diga nstab hati talli kiser il-paci pubblika f'diversi okkazzjonijiet u li hedded w insulenta w attakka lil xi membri tal-Korp tal-Pulizija w infatti kien inghata sentenza ta' prigunerija sospiza f'Mejju 2004.

Illi ma hemmx dubbju ghalhekk li l-imputat ma tghallimx mill-passat tieghu u ma tghallimx jusufrutta ruhu mill-opportunitajiet moghtija lilu mill-Qorti sabiex izomm boghod mill-hajja tal-kriminalita.

Ghaldaqstant, wara li **l-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 95, 96, 221, 338(dd), 339(1)(d), 338(ee), 338(bb), 28A sa 28H, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li qed <u>issib</u> lil imputat PAUL MUSCAT <u>hati</u> tal-akkuzi kollha kif dedotta fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' disgha [9] xhur.**

**Oltre dan tordna li s-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati diversament preseduta nhar l-hamsa ta' Mejju 2004 [fol 26] tigi reza operattiva w ghalhekk l-imputat ghandu wkoll jaghmel tlett [3] xhur prigunerija ohra.**

**<u>B'hekk b'kollox, l-imputat ghandu jaghmel sena prigunerija</u>.**

**Il-Qorti qeghda wkoll torbot lil imputat taht penali ta' mitt lira fin-nuqqas sabiex ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jheddidtx lil PS 1424 Mario Xiberras, lil WPS 160 Josephine Camilleri u lil PC 639 Joe Bugeja ghal perjodu ta' sena mill-lum taht l-provvedimenti tal-artikolu 383(1) u 386 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------